8 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Capt. Arthur Podestà

**Traffiku — Sospensjoni tal-Liċenza tas-Sewqan — Kummissarju tal-Pulizija — Art. 17 (2) tal-Kap. 105.**

*Meta l-imputat ikun ġie misjub ħati ta' vjolazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku li għaliha hija applikabili s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, il-Qorti għandha tordna dik is-sospensjoni jekk tkun saret talba għal hekk mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Dik it-talba mhix suġġetta għas-sindakabilità tal-Qorti, li għandha tara biss u tikkonstata jekk dik it-talba saretx bil-forma li trid il-liġi.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tagħha tal-lum, fejn tinsab traskritta l-akkuża u d-dispożitiv tas-sentenza appellata, li biha l-Ewwel Qorti kienet laqgħet l-eċċezzjoni tad-Difiża u ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan ta' l-imputat;

Semgħet bil-ġurament lill-Kummissarju tal-Pulizija, li bil-ġurament ikkonferma t-talba tiegħu magħmula quddiem l-Ewwel Qorti għas-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan ta' l-imputat;

Semgħet l-Avukat tal-Kuruna u l-Avukat ta' l-imputat;

Peress li b'sentenza tal-21 ta' Diċembru 1951, tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, l-imputat ġie misjub ħati ta' l-akkuża li saq b'manjera peri-

koluża fl-okkażjoni msemmija fit-taħrika, u dik is-sentenza għaddiet ġudikat għax dik is-sentenza f'dik il-parti ma ġietx appellata;

Wara li rat l-art. 17 (2) ta' l-Ordinanza X ta' l-1931, Kap. 105 tal-Liġijiet;

Peress li t-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija hija biżżejjed meta l-imputat ikun ġà ġie misjub ħati u kundannat li jkun saq b'manjiera perikoluża, u t-talba mhix suġġetta għas-sindakabilità tal-Qorti, għax din għandha tara biss u tikkonstata jekk it-talba tkunx saret kif trid il-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha, u tordna s-sospensjoni tal-liċenzi kollha tas-sewqan ta' l-imputat għal żmien tliet xhur, li għandhom jibdew minn għada.